



Brussell, 16 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8576/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0106(COD)**

LIMITE

**TELECOM 173
JAI 553
COPEN 145
CYBER 141
DATAPROTECT 115
EJUSTICE 47
COSI 108
IXIM 101
ENFOPOL 220
FREMP 83
RELEX 541
MI 321
COMPET 269
CODEC 570**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8115/20
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, AIA) fil-21 ta' April 2021¹.

¹ dok. 8115/21.

2. L-oġġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni, li hija bbażata fuq l-Artikoli 114 u 16 TFUE, huma li jiġi żgurat li s-sistemi tal-IA li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u li jintużaw fl-Unjoni jkunu sikuri u jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni, li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-investiment u l-innovazzjoni fl-IA, li jissaħħu l-governanza u l-infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-drittijiet fundamentali u s-sikurezza, u li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' suq uniku għal applikazzjonijiet legali, sikuri u affidabbli tal-IA, filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) it-tnejn inġatru bħala kumitati ewlenin f'konformità mal-proċedura ta' kumitat konġunt skont l-Artikolu 58. Inġatru żewġ ko-rapporteurs: Brando BENIFEI (S&D, Italja) tal-Kumitat IMCO u Dragoş Tudorache (Renew, Rumanija) tal-Kumitat LIBE. Minbarra ż-żewġ kumitati ewlenin imsemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (CULT) inġatru bħala kumitati assoċjati. Il-ko-rapporteurs ippubblikaw l-abbozz ta' rapport tagħhom fl-20 ta' April 2022.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni t-tnejn ġew ikkonsultati dwar il-proposta, b'talbiet formali għal opinjonijiet mibgħuta liż-żewġ istituzzjonijiet fil-15 ta' Ġunju 2021 u l-24 ta' Ġunju 2021, rispettivament. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-22 ta' Settembru 2021², filwaqt li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-2 ta' Diċembru 2021³.

² [Opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali \(l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali\) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni.](#)

³ [Kumitat Ewropew tar-Reġjuni: Approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali –Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali \(Opinjoni riveduta\).](#)

5. Fit-18 ta' Ġunju 2021 il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħarġu opinjoni konġunta dwar il-proposta⁴.
6. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) intalab jaġti l-opinjoni tiegħu dwar ċerti aspetti tal-proposta, li jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tiegħu jew fir-responsabbiltajiet tiegħu. It-talba formali ntbagħtet mill-Kunsill fit-3 ta' Novembru 2021. Il-BĊE ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Diċembru 2021 u ppreżentaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni (minn hawn 'il quddiem: Grupp ta' Ħidma TELECOM) fl-10 ta' Frar 2022.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

7. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta twettaq fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM. Il-Grupp ta' Ħidma TELECOM beda jiddiskuti l-proposta taħt il-Presidenza Portugiża, billi organizza diversi laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma li saru bejn April u Ġunju 2021.
8. L-analiżi tal-proposta kompliet fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM taħt il-Presidenza Slovena matul diversi laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma. Fid-dawl ta' dan l-isforz, it-test kollu tar-regolament propost ġie ppreżentat fid-dettall mill-Kummissjoni u diskuss b'mod preliminari mid-delegazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Presidenza Slovena organizzat laqgħa informali ta' nofstanhar tal-Kunsill tal-ministri għat-telekomunikazzjoni ddedikata esklużivament għall-proposta għal AIA, li matulha l-ministri kkonfermaw l-appoġġ tagħhom għall-approċċ orizzontali u ċċentrat fuq il-bniedem għar-regolamentazzjoni tal-IA. Fl-aħħar nett, abbażi ta' kummenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza Slovena abbozzat l-ewwel proposta ta' kompromess parzjali li tkopri l-Artikoli 1 sa 7 u l-Annessi I sa III tal-proposta għal AIA u ppreżentatha lid-delegazzjonijiet fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM tat-30 ta' Novembru 2021.

⁴ [Opinjoni Konġunta tal-EDPB-EDPS 05/2021](#).

9. Il-Presidenza Franċiża bdiet il-ħidma tagħha b'diskussjoni dwar il-kompromess parzjali mħejji mill-Presidenza Slovena, li saret fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM fil-11 ta' Jannar 2022. Sussegwentement, il-Presidenza Franċiża ħejjiet il-partijiet li ġejjin tal-ewwel proposta ta' kompromess, b'kont meħud tal-kummenti bil-miktub u s-suġġerimenti ta' abbozzar riċevuti mid-delegazzjonijiet taħt il-Presidenza SI (dwar l-Artikoli 8 sa 29 u l-Anness IV), kif ukoll kummenti bil-miktub u suġġerimenti ta' abbozzar dwar il-bqija tat-test (l-Artikoli 30 sa 85 u l-Annessi V-IX), li ġew ippreżentati mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet fl-aħħar ta' Jannar 2022. Bħala parti minn din il-ħidma, il-Presidenza Franċiża ħejjiet sensiela ta' testi ta' kompromess parzjali li jkopru l-Artikoli 8 sa 85, kif ukoll l-annessi u l-premessi, li ġew ippreżentati u diskussi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM tat-18 ta' Jannar 2022, tal-10 u t-22 ta' Frar 2022, tal-10 u t-22 ta' Marzu 2022, tat-28 ta' April 2022 u tal-5, l-10 u s-17 ta' Mejju 2022. Barra minn hekk, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib speċifiku tal-esperti tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, il-Presidenza Franċiża abbozzat mill-ġdid ċerti dispożizzjonijiet marbutin ma' dan il-qasam fl-intier tal-abbozz ta' Regolament. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew sussegwentement ippreżentati u diskussi fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM tas-7 ta' April 2022, organizzata f'assoċjazzjoni mal-esperti tal-ĠAI. **Il-Presidenza Franċiża lestiet il-proċess tat-thejjiġa tal-ewwel proposta ta' kompromess tal-Kunsill dwar l-AIA.**
10. Barra minn hekk, fl-24 ta' Marzu 2022, il-Presidenza Franċiża talbet lid-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM biex jippreżentaw il-kummenti bil-miktub tagħhom u s-suġġerimenti ta' abbozzar tagħhom dwar l-Artikoli riveduti 40 sa 55a, bil-ħsieb li tinbeda l-ħidma fuq it-tieni test ta' kompromess parzjali tal-proposta. Sa tmiem il-mandat tagħha, il-Presidenza Franċiża biħsiebha tanalizza f'aktar dettall il-kummenti dwar l-Artikoli 53 sa 55a (Miżuri b'Appoġġ għall-Innovazzjoni) u tippreżenta t-tieni test ta' kompromess parzjali li jkopri dawn l-Artikoli f'waħda mill-aħħar laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM f'Ġunju 2022.

11. Fis-sustanza, minħabba l-applikabbiltà ta' atti leġiżlattivi importanti oħra rilevanti għall-iżvilupp u l-użu tal-IA fl-UE, bħall-GDPR, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur eċċ., il-Presidenza Franċiża rrevediet it-test sabiex jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa li jiġu protetti s-sigurtà u d-drittijiet fundamentali u l-ħtieġa li jiġu appoġġati t-tkabbir, il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi jiġu pprovduti regoli ċari u proporzjonati għall-partijiet ikkonċernati li jappoġġaw l-iżvilupp ta' IA etika u responsabbli fl-UE.

B'mod aktar speċifiku, il-kwistjonijiet ewlenin indirizzati mill-Presidenza Franċiża fil-parti tal-ewwel proposta ta' kompromess li rrevediet (l-Artikoli 8 sa 85 u l-Annessi IV-IX) huma dawn li ġejjin:

a) **Rekwiżiti għal sistemi tal-IA b'riskju kbir**

12. Ħafna mir-rekwiżiti applikabbli għas-sistemi tal-IA b'riskju kbir, kif stabbilit fit-Titolu III, Kapitolu 2 tal-proposta, ġew iċċarati u adattati sabiex ikunu inqas stretti jew inqas ta' piż għall-partijiet ikkonċernati, pereżempju fir-rigward tal-kwalità tad-data, jew fir-rigward tad-dokumentazzjoni teknika li jenħtieġ li titfassal mill-SMEs biex juru li s-sistemi tal-IA b'riskju kbir tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti.
13. Barra minn hekk, il-Presidenza Franċiża rrikonoxxiet fit-test rivedut li ċerti rekwiżiti jistgħu jkunu inkompatibbli ma' xulxin, li jistgħu jirrikjedu kompromessi matul l-implimentazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-preċiżjoni u r-robustezza, jew il-protezzjoni tal-privatezza (minimizzazzjoni tad-data) jew l-ekwità. Tali rikonoxximent jenħtieġ li jiżgura ċertu livell ta' flessibbiltà għall-fornituri ta' sistemi tal-IA b'riskju kbir meta jimplimentaw is-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom.

Il-Presidenza Franċiża ċċarat ukoll liema tipi ta' riskji huma koperti mid-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju biex jiġi żgurat li l-fornituri jkunu meħtieġa biss jindirizzaw ir-riskji relatati mal-iżvilupp tas-sistemi tal-IA li għalihom jistgħu jieħdu miżuri raġonevoli u realistiki.

b) Responsabbiltajiet ta' diversi atturi fil-katina tal-valur tal-IA

14. Peress li s-sistemi tal-IA jiġu żviluppati u distribwiti permezz ta' ktajjen ta' valur kumplessi, fejn il-konfini bejn atturi differenti mhux dejjem ikunu delineati b'mod ċar, il-Presidenza Franċiża introduċiet għadd ta' bidliet li jiċċaraw id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet u r-rwoli, sabiex jirriflettuhom aħjar ir-realtà tad-disinn, it-tqegħid fis-suq jew it-tħaddim ta' sistema tal-IA. Pereżempju, it-test rivedut fih dispożizzjonijiet addizzjonali li jippermettu kooperazzjoni aktar effettiva bejn il-fornituri u l-utenti. Għandu l-għan ukoll li jiċċara r-relazzjoni bejn ir-responsabbiltajiet skont l-AIA propost u dawh li diġà jeżistu taħt atti leġiżlattivi oħra bħall-GDPR.
15. Barra minn hekk, il-Presidenza Franċiża qieset li huwa importanti li fit-test jiġu indikati b'mod aktar ċar is-sitwazzjonijiet li fihom atturi oħra fil-katina ta' valur huma meħtieġa jassumu r-responsabbiltajiet ta' fornitur.

c) Valutazzjonijiet tal-konformità, infurzar u governanza

16. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-kumplessità eċċessiva tal-qafas ta' konformità propost fl-AIA, il-Presidenza Franċiża pprovdiet għadd ta' kjarifiki u simplifikazzjonijiet għad-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu segwiti għal kull tip ta' sistema tal-IA b'riskju kbir, filwaqt li jinżammu l-elementi ewlenin tal-approċċ propost mill-Kummissjoni abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid.
17. Il-Presidenza Franċiża emendat ukoll id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex tagħmilhom aktar effettivi u aktar faċli biex jiġu implimentati, b'kont meħud tal-ħtieġa għal approċċ proporzjonat f'dan ir-rigward.

18. Il-Presidenza Franċiża emendat ukoll b'mod sostanzjali d-dispożizzjonijiet dwar il-Bord tal-IA (minn hawn 'il quddiem "il-Bord"), bil-għan li tiżgura awtonomija akbar u ssaħħaħ ir-rwol tiegħu fl-arkitettura ta' governanza tal-AIA. Il-kompożizzjoni tal-Bord inbidlet biex tinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri u esperti indipendenti, bil-president magħżul minn fost ir-rappreżentanti tal-Istati Membri. Il-Bord ser ikollu rwol akbar fl-applikazzjoni uniformi tal-AIA, billi jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, pereżempju dwar il-ħtieġa li jiġu emendati l-Annessi I u III, u billi jipprovdi opinjonijiet dwar firxa ta' kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-AIA. Barra minn hekk, abbażi tal-bidliet introdotti mill-Presidenza Franċiża, il-Bord ser jiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni mal-korpi, il-gruppi ta' esperti u n-networks rilevanti tal-UE fir-rigward tal-AIA.
19. B'mod aktar ġenerali, il-Presidenza Franċiża ssimplifika l-istruttura ta' governanza billi neħħiet il-kunċett ta' awtorità supervizzorja fil-livell nazzjonali, filwaqt li tat lill-Istati Membri aktar flessibbiltà fil-ħatra tal-entitajiet responsabbli għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-AIA. Għall-istess raġunijiet, il-Presidenza Franċiża estendiet ukoll l-iskadenzi li fihom l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment tal-arkitettura ta' governanza.
20. Fid-dawl tan-natura ġdida u kumplessa tal-AIA propost, u sabiex twieġeb għall-ħtieġa li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Presidenza Franċiża ddeċidiet li żżid artikolu ġdid li jimponi obbligu fuq il-Kummissjoni biex tiżviluppa gwida dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, li tiffoka fuq suġġetti bħall-applikazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli għal sistemi tal-IA b'riskju kbir, il-prattiki tal-IA pprojbiti u l-implimentazzjoni Prattika tad-dispożizzjonijiet dwar bidliet sostanzjali. It-test jiċċara wkoll li tali gwida tista' tintalab kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Bord, jew tista' tiġi żviluppata fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

21. Fl-aħħar nett, is-sanzjonijiet għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-AIA propost għall-SMEs u n-negozji ġodda tnaqqsu biex jirriflettu l-importanza tagħhom fl-ekosistema tal-IA u biex iqisu r-restrizzjonijiet speċifiċi tagħhom.

d) **Dispożizzjonijiet relatati mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi**

22. Sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u r-restrizzjonijiet partikolari tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-Presidenza Franċiża għamlet għadd ta' emendi għad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tas-sistemi tal-IA għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. B'mod partikolari, ċerti definizzjonijiet relatati, bħas-"sistema ta' kategorizzazzjoni bijometrika", is-"sistema ta' identifikazzjoni bijometrika" u s-"sistema ta' identifikazzjoni bijometrika f'linja reali", ġew irfinati sabiex jiġi ċċarat liema sitwazzjonijiet jaqgħu taħt il-projbizzjoni fl-Artikolu 5(1)(d) u liema ma jaqgħux. Saru wkoll xi emendi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 (1d) u (5a) sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u tiġi allinjata l-formulazzjoni mat-terminoloġija użata fil-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar il-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi.

23. Barra minn hekk, sabiex tingħata aktar flessibbiltà lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'każijiet ta' urġenza partikolari, żdiedet dispożizzjoni ġdida biex tinholq il-possibbiltà li tintalab awtorizzazzjoni ex post minn dawk l-awtoritajiet biex jidderogaw temporanjament mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għas-sistemi tal-IA b'riskju kbir. Il-proposta ta' kompromess tipprevedi wkoll eċċezzjoni għall-obbligi ta' trasparenza għall-utenti tas-sistemi tal-IA użati għar-rikonoxximent tal-emozzjonijiet, li huma permessi bil-liġi fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali.

24. Fl-aħħar nett, il-proposta ta' kompromess fiha ħafna emendi minuri li għandhom l-għan li jiżguraw flessibbiltà akbar fl-użu tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, pereżempju fir-rigward tal-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi rreġistrata b'rabta mas-sistemi tal-IA b'riskju kbir tagħhom fil-bażi tad-data tal-UE, jew fir-rigward tal-obbligi relatati mal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma minn dawk l-awtoritajiet.

e) **IA għal użu ġenerali**

25. Il-Presidenza Franċiża rrevediet id-dispożizzjonijiet dwar is-sistemi tal-AI b'użu ġenerali sabiex tibbilanċja aħjar ir-rekwiżiti u l-obbligi bejn il-fornituri ta' tali sistemi u l-fornituri ta' sistemi tal-IA b'riskju kbir li x'aktarx jużawhom. Il-kondizzjonijiet għat-tqegħid ta' sistemi bħal dawn fis-suq tal-UE saru f'konformità mal-oġettiv ġenerali tal-proposta għal AIA, li huwa li tissaħħaħ il-fiduċja fl-IA u li jiġi promoss suq tal-IA kompetittiv, responsabbli u etiku fl-UE. Dawn l-emendi għandhom l-għan li jiżguraw distribuzzjoni ġusta tar-responsabbiltajiet u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tul il-katina tal-valur tal-IA.

f) **Miżuri li jappoġġaw l-innovazzjoni**

26. Bil-għan li jinholq qafas legali aktar favorevoli għall-innovazzjoni u validu għall-futur, il-Presidenza Franċiża emendat b'mod sostanzjali d-dispożizzjonijiet dwar miżuri li jappoġġaw l-innovazzjoni. L-ewwel nett, ġie ċċarat li s-sandboxes regolatorji tal-IA, li huma mistennija joħolqu ambjent ikkontrollat għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' sistemi innovattivi tal-IA taħt supervizzjoni u gwida diretta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jenħtieġ li jippermettu wkoll l-ittestjar ta' sistemi innovattivi tal-IA taħt kondizzjonijiet reali. It-tieni nett, ġew miżjuda dispożizzjonijiet ġodda biex ikun permess l-ittestjar ta' sistemi tal-IA f'kondizzjonijiet reali mhux sorveljati, taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Fiż-żewġ każijiet, it-test jiċċara kif dawn ir-regoli l-ġodda għandhom jiġu interpretati fir-rigward ta' leġiżlazzjoni settorjali eżistenti oħra dwar is-sandboxes regolatorji tal-IA. Fl-aħħar nett, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi innovattivi żgħar, il-kompromess jipprevedi deroga speċjali li permezz tagħha l-mikrointrapriżi (kif definiti mill-UE) ser ikunu eżentati mill-obbligu li jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità, identifikata bħala waħda mill-ispejjeż ewlenin għal dawn l-atturi.

III. KWISTJONIJIET PENDENTI EWLENIN

27. Minbarra l-kwistjonijiet prinċipali indirizzati fil-proposta ta' kompromess u deskritti hawn fuq, il-Presidenza Franċiża identifikat il-kwistjonijiet li ġejjin bħala kwistjonijiet addizzjonali li ser jirrikjedu analiżi aktar fil-fond matul diskussjonijiet sussegwenti dwar il-proposta:

a) **Definizzjoni ta' sistema tal-IA u klassifikazzjoni tas-sistemi tal-IA bħala li jippreżentaw riskju għoli**

28. Xi Stati Membri għadhom iqisu li d-definizzjoni ta' sistema tal-IA hija ambigwa u wiesgħa wisq u ma tipprovdi kriterji ċari biżżejjed biex tiddistingwi l-IA minn sistemi ta' software aktar tradizzjonali. Hemm ukoll dubji dwar il-klassifikazzjoni tas-sistemi tal-IA bħala ta' riskju għoli abbażi tat-termini ġenerali tal-proposta, u dan iqajjem tħassib li approċċ bħal dan jista' jinkludi wkoll sistemi tal-IA li ma jagħmlux ħsara li x'aktarx ma jikkawżawx ksur serju tad-drittijiet fundamentali jew ma jippreżentawx riskji sinifikanti oħra. Dawn il-kwistjonijiet huma importanti fit-tfassil ġenerali tal-AIA u ser jeħtieġu aktar diskussjoni.

b) **Adattament tal-qafas ta' governanza**

29. Xi delegazzjonijiet issuġġerew li l-qafas ta' governanza jista' jiġi adattat, bl-argument li applikazzjoni deċentralizzata wisq fil-livell nazzjonali fiċ-ċiberspazju jista' jkollha limitazzjonijiet. Jista' jkun utli li jiġi analizzat jekk il-qafas ta' governanza kif propost bħalissa jistax jiġi rivedut mill-inqas parzjalment sabiex jiġi indirizzat dan it-tħassib.

c) Aktar kjarifiki dwar id-dispożizzjonijiet tal-infurzar tal-liġi

30. Għalkemm xi delegazzjonijiet appellaw għal strument legali separat, jew tal-inqas kapitolu separat fil-proposta għal AIA, li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti awtoritajiet pubbliċi fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi, il-migrazzjoni, l-ażil jew l-investigazzjonijiet finanzjarji, jidher li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri jappoġġaw l-approċċ orizzontali attwali tal-proposta għal AIA. Madankollu, għalkemm l-esklużjoni espliċita tas-sigurtà nazzjonali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ntlaqgħet tajjeb b'mod ġenerali, xi delegazzjonijiet ikomplu jikkunsidraw li hija meħtieġa kjarifika ulterjuri tal-kunċett ta' sigurtà nazzjonali sabiex jiġi ċċarat x'inhu eskluż u x'mhuwiex. Barra minn hekk, id-diversi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-infurzar tal-liġi li ġew riveduti parzjalment mill-Presidenza Franċiża jistgħu jirrikjedu analiżi u żvilupp ulterjuri, pereżempju dawk li jikkonċernaw sistemi tal-IA pprojbiti u eċċezzjonijiet fl-Artikolu 5, fejn xi Stati Membri talbu miżuri aktar stretti, filwaqt li oħrajn esprimew appoġġ biex l-użu tal-IA mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkun inqas limitat mill-projbizzjoni u l-klassifikazzjoni ta' riskju għoli.

d) Delega tas-setgħat lill-Kummissjoni

31. Id-dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà li tiġi aġġornata l-lista ta' tekniki u approċċi tal-intelliġenza artifiċjali stabbiliti fl-Anness I kif ukoll id-dispożizzjonijiet għall-aġġornament tal-lista ta' sistemi tal-IA b'riskju kbir stabbilita fl-Anness III jistgħu jeħtieġu aktar adattamenti. Dawn bħalissa jirrikjedu li l-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-ħtieġa għal tali emendi, iżda xi Stati Membri indikaw li tali delega wiesgħa ta' setgħat lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward jenħtieġ li tiġi limitata.

e) **Relazzjonijiet ma' leġislazzjonijiet oħra**

32. Għalkemm il-Presidenza Franċiża għamlet sforzi konsiderevoli matul il-proċess ta' abbozzar biex tiżgura l-konsistenza u s-sinerġiji tal-AIA propost mal-qafas leġislattiv ġenerali tal-UE, b'mod partikolari mar-rekwiżiti eżistenti stabbiliti mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data fl-Infurzar tal-Liġi u l-Qafas Leġislattiv Ġdid, għad hemm ħtieġa għal aktar analiżi biex jiġu eliminati diverġenzi legali possibbli sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' nuqqas ta' konformità, jiġu evitati l-inċertezza legali u d-duplikazzjoni u jiġu ffaċilitati l-isforzi ta' infurzar.

IV. KONKLUŻJONI

33. Il-Coreper huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza, bil-
ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill TTE (Telekomunikazzjoni) fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2022.